MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 340/2002/1

**Avviz numru 340/2002DM**

**Tommy Mizzi**

**vs**

**George u Rose konjugi McKay**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn u erba’ mitt lira Maltin (Lm2400) rappresentanti somma flus mislufa lilhom;

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Jannar 2002, u l-imghax mid-data ta’ l-istess ittra ufficjali bil-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici;

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet lill-attur bil-gurament u rat id-dokumenti esebiti, senjatament id-dokument TM2, fejn tirrizulta ammissjoni tal-konvenuti ghat-talba tal-attur;

Il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma mitluba ta' elfejn u erba' mitt lira Maltin (Lm2400) bl-imghax legali b'effett mill-14 ta' Jannar 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

-------------------------------TMIEM-------------------------------